MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2843/1996/1

**S.V.S. Limited**

**v.**

**Adrian Triganza f'ismu proprio u s-socjeta`
Home Glo Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Premess illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u wiehed u erbghin lira u zewg centezmi (Lm21,241.02),

rapprezentanti l-prezz ta' detergenti, "fabric conditioners", disinfettanti, u merce ohra tat-tindif; u

"Premess illi s-socjeta` konvenuta u tikkontesta li ghandha thallas dan l-ammont, u fl-24 ta' Gunju, 1996, saret skrittura `(Dok. A) bejn il-partijiet bis-sahha ta' liema l-konvenut proprio assuma responsabbilita` solidali mas-socjeta` konvenuta f'kaz illi s-socjeta` attrici tigi kkannonizzata kreditrici tas-socjeta` konvenuta; u
"Premess illi s-socjeta` attrici qeghda tannetti rendikont dettaljat (Dok. B) tal-konsenji u hlasijiet li saru kemm ilha tezisti r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet, cioe` minn Mejju, 1993, sa Lulju, 1996; u

"Premess illi minn dan ir-rendikont jirrizulta illi effettivament is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm21,241.02; u

"Premess illi l-konvenut pro et noe jikkontendi illi huwa hallas a saldu, u jgib bhala prova ta' dan l-anness Dok. C, li pero` ma tikkostitwix ricevuta per saldu;

"Premess illi s-socjeta` konvenuta kienet thallas tal-merci akkont;

"Jghid il-konvenut pro et noe ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"B'digriet tal-15 ta' Mejju 1998, jizdiedu l-kliem 1. Tiddikjara illi l-ftehim Dok. "c" hu affett minn zball dwar l-ammont, billi fil-fatt dak inhar tat-2 ta' Novembru 1995, l-ammont li kien dovut lis-socjeta` attrici kien izjed bis-somma ta' Lm21,241.02 milli jidher fid-dokument a favur is-socjeta` attrici liema zball jaqa' fuq is-sustanza infisha tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim.

"B'digriet tal-15 ta' Mejju, 1998, numru kancellat u sostitwit bin-numru "2". Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm21,241.02.

B'digriet tal-15 ta' Mejju, 1998, numru kancellat u sostitwit bin-numru "3". 2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta u

lill-garanti solidali, il-konvenut proprio, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm21,241.02.

"Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja rispettiva li ma thallsetx, sad-data tal-hlas effettiv.

"Il-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici stante li hallset ta' dak kollu li gie fornut lilha mis-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

"Illi allura ghalkemm il-konvenut personalment dahal garanti ghad-dejn, li hu jikkontendi li ma jezistix, tas-socjeta` konvenuta mas-socjeta` attrici, ghandu jirrizulta li lanqas il-konvenut ma hu obbligat ihallas xejn lis-socjeta` attrici;

"Illi bla pregudizzju ghas-suespost mill-verifika tal-kontijiet ghandu jirrizulta illi s-socjeta` attrici thallset ta' dak kollu illi forniet lill-konvenut proprio et nomine;

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fis-6 ta' Novembru 1995, giet effettwata novazzjoni bejn il-partijiet, u l-obligazzjoni gdida li nholqot illum tinsab estinta b'pagament.

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez b'kollox kontra l-attur.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Mejju, 1998, li in forza taghha s-socjeta` attrici thalliet izzid talba ohra qabel it-tnejn li saru fic-citazzjoni fis-sens li gej:
"Tiddikjara illi l-ftehim Dok. "C" hu affett minn zball dwar l-ammont, billi fil-fatt dak inhar tat-2 ta' Novembru, 1995, l-

ammont li kien dovut lis-socjeta` attrici kien izjed bis-somma ta’ Lm21,241.02 milli jidher fid-dokument a favur is-socjeta` attrici, liema zball jaqa’ fuq is-sustanza infisha tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut proprio et nomine li in forza taghha eccepixxa:
“Illi l-ewwel talba attrici hija nfundata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ftehim Dok. “C”, datat 1 ta’ Novembru 1995 u emendat fit-2 ta’ Novembru 1995, ma hu affett mill-ebda zball dwar l-ammont, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

“Illi in subsidium qed jigi eccepit ukoll illi stante li s-socjeta` Home Glo Trading Co. Ltd. giet inkorporata fis-6 ta’ Ottubru 1995, kwalunkwe konteggi antecedenti ghal din id-data ma jispettawx lilha.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza parzjali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Dicembru, 2000, li in forza taghha iddecidiet li:
“..tichad it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` konvenuta li tghid li dik is-socjeta` ma twegibx ghal djun ta’ qabel is-6 ta’ Ottubru 1995, u tichad ukoll ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti, li hija eccezzjoni ta’ novazzjoni.

Tiddeciedi dwar il-meritu u dwar l-ispejjez wara li ssir ir-relazzjoni ta’ l-espert komputista li qieghed jinhatar illum.”

Dik il-Qorti tat din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-fatti ta’ dan il-kaz, safejn huma relevanti ghall-ghanijiet tal-meritu tal-kawza, graw hekk:

Is-socjeta` attrici kienet tbiegh xi merkanzija bl-ingrossa lill-konvenut li kien jinnegozja bid-ditta *Home-Glo Trading*. Jidher li fis-6 ta’ Ottubru 1995 in-negozju tal-konvenut kien inkorporat f’socjeta` anonima, li hjija s-socjeta` konvenuta. Gara li, wara xi zmien, is-socjeta` konvenuta temmet ir-relazzjoni kummercjali ta’ bejn il-partijiet, hallset dak li dehrilha li ken ghad ghandha taghti, u s-socjeta` attrici fl-1

u t-2 ta' Novembru 1995 harget ricevuta[1] li turi li d-dejn kien imhallas kollu. Wara li nharget dik ir-ricevuta, izda, lis-socjeta` attrici, wara li kkonsultat ma' l-*accountant* taghha, dehrilha li kien hemm zball fil-kontijiet, u li kien ghad ghandha tiehu minghand il-konvenuta. Ghall-ewwel dehrilha li kien ghad fadlilha tiehu disat elef, sitt mija u sitta u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm9,636.87)[2] izda wara, aktar ma s-socjeta` attrici bdiet tqalleb fil-karti u l-kontijiet, din is-somma bdiet tikber: saret dsatax-il elf u ghoxrin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm19,020.7)[3], u telghet ghal wiehed u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u erbghin lira u zewg centezmi (Lm21,241.02) meta nfethet il-kawza.

Ghalkemm baqghu ma jaqblux dwar jekk is-socjeta` attrici kienx ghad ghandha tiehu, is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta ftehmu b'kitba ta' l-24 ta' Gunju 1996[4] li, talli s-socjeta` attrici ma titlobx il-hrug ta' mandati kawtelatorji biex thares dak li dehrilha li kellha tiehu, il-konvenut *proprio* jidhol garanti *in solidum* mas-socjeta` konvenuta fil-kaz li, wara proceduri bil-Qorti, is-socjeta` konvenuta tkun ikkundannata thallas xi bilanc lill-attrici.

"Il-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet inkorporata fis-6 ta' Ottubru 1995 wassal biex is-socjeta` konvenuta ressqet it-tieni eccezzjoni ulterjuri taghha, li tghid li hi ma twegibx ghal djun li nholqu qabel l-inkorporazzjoni taghha.

"Il-korrispondenza bejn il-partijiet wara li nqalghet il-kwistjoni li hija l-meritu tal-kawza tal-lum saret bejn jew f'isem is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta. Imkien is-socjeta` konvenuta ma qalet li d-dejn ma hux taghha izda tal-konvenut *proprio* taht id-ditta *Home-Glo Trading*. Anzi, fl-ittra tal-31 ta' Lulju 1996[5] mibghuta mill-avukat tal-konvenuti lill-avukat ta' l-attrici, jinghad illi fil-kaz illi jirrizulta li hemm xi bilanc ghadu mhux imhallas, id-debitur

---

[1] Fol. 22
[2] Fol. 96.
[3] Fol. 25.
[4] Fol. 7.
[5] Fol. 26.

ewlieni tkun is-socjeta` konvenuta, mhux il-konvenut *proprio*, li kien biss garanti.

“Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li meta s-socjeta` konvenuta dahlet flok il-konvenut *proprio* fin-negozju mas-socjeta` attrici hadet fuqha mhux biss ir-relazzjoni kummercjali ma’ l-attrici izda wkoll id-djun tal-konvenut. Konkluzjoni ohra ma tkunx kompatibbli mal-*bona fides* li l-Qorti tifhem li kienet tmexxi l-imgieba tal-partijiet waqt li kienu qeghdin jinnegozjaw dwar il-bilanc kontestat.

“It-tieni eccezzjoni ulterjuri hija, ghalhekk, michuda.

“Qabel ma nidhlu fil-meritu ewlieni tal-kawza, li hu jekk sarux zbalji fil-kontijiet meta s-socjeta` attrici harget ir-ricevuta ta’ l-1 u t-2 ta’ Novembru 1995[6], irridu nqisu r-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti, li tghid illi fis-6 ta’ Novembru 1995 saret novazzjoni bejn il-partijiet li qatlet id-djun ta’ qabel.

“Il-ftehim tas-6 ta’ Novembru 1995[7] fih stipulazzjonijiet dwar ix-xoghol li kellha taghmel l-attrici ghas-socjeta` konvenuta u l-materjal li kellha tbeghlha (para. 1), dwar spejjez li setghet taghmel fl-interess tal-konvenuta (para. 2), dwar modalitajiet ta’ hlas (para. 3), dwar kif kellu jintemm il-ftehim (para. 4) u x’kellu jigri wara li jintemm (para. 5), dwar rata ta’ hlasijiet (para. 6), u dwar meta kellu jibda jsehh (para. 7).  Ma jghid xejn dwar djun ta’ qabel.  Fil-fatt, dan il-ftehim sar biss ftit jiem wara r-ricevuta ta’ l-1 u t-2 ta’ Novembru 1995, u l-partijiet it-tnejn kienu ghadhom jahsbu li d-djun ta’ qabel kienu thallsu, u ghalhekk ma kellhom ghalfejn ighidu xejn dwar dawk id-djun.  F’dawn ic-cikostanzi, ma jistax jinghad li l-partijiet kellhom *animus novandi*, u ma seta’ kien hemm ebda novazzjoni.

L-eccezzjoni ta’ novazzjoni hija ghalhekk michuda wkoll.

[6] Fol. 22.
[7] Fol. 86.

"Fadal biss li nqisu, ghalhekk, jekk hux minnu li kienu saru zbalji fil-kontijiet meta s-socjeta` attrici harget ir-ricevuta ta' l-1 u 2 ta' Novembru 1995[8]. Biex inwiegbu ghal din il-mistoqsija jkun mehtieg li jsir stharrig dwar x'servizzi jew prodotti nghataw mill-attrici lill-konvenuti, u xi hlasijiet saru. Fil-fehma tal-Qorti dan jista' jsir ahjar permezz ta' perizja teknika, u ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti sejra taqta' biss dwar iz-zewg eccezzjonijiet meqjusa fuq."

Rat is-sentenza finali moghtija mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Gunju, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi:

"...wara li tgħid illi r-riċevuta esebita bħala dok. "Ċ" fiha żball fl-ammont muri bħala dak li kellu jitħallas lis-soċjetà attriċi, tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħtu lill-attriċi bilanċ ta' tnax-il elf, disa' mija u wieħed u erbgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm12,941.22) u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi s-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u wieħed u erbgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm12,941.22)[9], flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

"L-ispejjeż għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"B'digriet mogħti dak in-nhar tas-sentenza, il-Qorti ħatret perit komputista biex, wara li jeżamina l-kontijiet tal-partijiet, igħid jekk l-attriċi fadlilhiex tieħu mingħand il-konvenuti. Il-perit irrelata fit-12 ta' Ġunju 2003 u sab illi l-konvenuti fadlilhom jagħtu tnax-il elf, disa' mija u wieħed u erbgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm12,941.22). Wara illi ż-żewġ partijiet għamlu mistoqsijiet għall-eskussjoni tal-perit, u ippreżentaw ukoll dokumenti li ma kinux fl-atti meta sar ir-rapport, il-perit reġa' irrelata fit-30 ta' Marzu 2004 u tenna l-konklużjoni tiegħu illi l-bilanċ huwa ta' tnax-il elf, disa' mija u wieħed u erbgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm12,941.22).

[8] Fol. 22.
[9] Illum €30,144.93

"Billi l-konklużjoni tal-perit hija mibnija fuq analiżi dettaljata tal-kontijiet, u l-qorti ma ssib xejn ħażin fir-raġunijiet u t-tifsiriet mogħtija mill-perit, il-qorti toqgħod fuq il-konklużjonijiet tiegħu."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Adrian Triganza u ta' Home Glo Co. Ltd, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka z-zewg sentenzi fuq indikati, billi tichad it-talbiet attrici u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet kollha ta' l-istess konvenuti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza huma fil-qosor, is-segwenti. Is-socjeta` attrici kienet tbiegh merkanzija bl-ingrossa lill-konvenut li kien jinnegozja bid-ditta Home Glo Trading. Fil-kors ta' din ir-relazzjoni, u precisament fis-6 ta' Ottubru, 1995, in-negozju tal-konvenut kien inkorporat f'socjeta` anonima li ggib l-istess isem. Wara xi zmien, is-socjeta` konvenuta temmet din ir-relazzjoni kummercjali, hallset dak li dehrilha li kien ghad ghandha taghti u nghatat ricevuta, li, skond is-socjeta` konvenuta, ghalqet il-pendenzi kollha bejniethom. Wara li nharget l-ircevuta, is-socjeta` attrici dehrilha li kien ghad fadal bilanc ulterjuri dovut lilha, u, ghalkemm dan il-bilanc gie mibdul minn zmien ghall-iehor, fl-ahhar fethet dawn il-proceduri ghas-somma ta' Lm21,241.02.

Wara li warrbet l-eccezzjonijiet kollha ta' natura legali, l-ewwel Qorti hatret awditur biex jezamina d-dokumenti tal-partijiet u jara jekk kienx fadal jew le bilanc dovut lis-socjeta` attrici. Il-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti

sab li, fil-verita`, kien ghad fadal bilanc ta' Lm12,941.22 u l-ewwel Qorti, b'adezjoni mar-rapport peritali, ikkundannat lill-konvenuti in solidum ihallsu din is-somma lis-socjeta` attrici.

Il-konvenuti ressqu appell mis-sentenzi ta' l-ewwel Qorti b'diversi aggravji li se jigu kkunsidrati minn din il-Qorti mhux necessarjament fl-ordni li gew sollevati, u b'mod li uhud mill-aggravji jigu trattati flimkien. Quddiem din il-Qorti, il-konvenuti appellanti issollevaw il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a bazi ta' l-artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili.

Il-konvenuti, bis-seba' aggravju taghhom, appellaw kontra l-ewwel sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, dik ta' l-1 ta' Dicembru, 2000, li in forza taghha l-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni ulterjuri taghhom, li kienet tirreferi ghall-fatt li s-socjeta` konvenuta m'ghandix tirrispondi ghad-djun tad-dittta Home-Glo Trading antecedenti l-holqien taghha.

Fuq dan il-punt din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fir-rigward. Meta d-ditta Home-Glo Trading giet konvertita f'socjeta` b'responsabbilita` limitata ta' l-azzjonisti u zammet l-istess isem u negozju, il-kummerc bejn il-partijiet ma giex interrot jew mibdul, izda l-kuntatti u l-kontijiet baqghu jinhadmu bl-istess mod, bid-differenza biss ta' l-isem. Il-persuni involuti baqghu l-istess, u n-negozju tkompla fejn kien thalla u mhux gie innegozjat arrangament gdid. Hekk kif gie deciz minn din il-Qorti li meta socjeta` *en nom collectif* tigi konvertita f'socjeta` *anonyme*, id-dritt ta' lokazzjoni li kellha l-ewwel ditta, "ghadda' fuq is-socjeta` li kompliet, minghajr ma jista' jinghad li sehhet sullokazzjoni jew cessjoni ta' l-inkwilinat" (ara "**Zammit v. Mizzi**" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 1985, u "**Cassar v. Tabone**", deciza wkoll minn din il-Qorti fis-17 ta' Gunju, 1999), hekk ukoll id-djun ta' l-ewwel ditta jitqiesu li gew assunti mis-socjeta` li tkompliet mill-istess persuni, sakemm dawn ta' l-ahhar ma ddikjarawx fil-waqt tal-holqien taghha li l-kumpanija l-gdida ma kenitx se taghmel tajjeb ghad-dejn tad-ditta.

Oltre dan, f'dan il-kaz mill-korrispondenza li giet skambjata wara li s-socjeta` attrici irriklamat hlas ulterjuri,

jirrizulta li l-konvenuti fl-ebda stadju ma ssollevaw l-punt li parti mill-allegat dejn ma kienx taghhom u anke meta is-socjeta` konvenuta hallset dak li dehrilha li kien fadal x'jithallas, qatghet linja fuq in-negozju kollu precedenti, minghajr ma qieset jekk parti minn dak il-hlas kienx jirrifletti dejn tad-ditta jew tas-socjeta` konvenuta. L-agir ta' din ta' l-ahhar juri bic-car kontinwazzjoni ta' drittijiet u obbligi fir-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti mas-socjeta` attrici, u jkun abbuz jekk issa, li r-relazzjonijiet hzienu, tithalla ssir qasma bejn in-negozju li kien isir mad-ditta u dak li segwa mas-socjeta` anonima.

Dan l-aggravju hu, ghalhekk, michud.

Bis-sitt aggravju, l-appellanti jilmentaw mic-cahda mill-ewwel Qorti tas-sottomissjoni taghhom li bejn il-partijiet kienet saret novazzjoni bil-ftehim tas-6 ta' Novembru, 1995.

Hu risaput li novazzjoni mhux prezunta u li l-intenzjoni li ssir (l-*animus novandi*) ghandha tirrizulta b'mod car u univoku. Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, u f'kaz ta' dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "**Koludrovich v Muscat**", deciza fl-24 ta' Frar, 1958:
"Ma hemmx <u>novazzjoni</u> jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghaliex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata ... In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza."

Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm inkopatibbilita` ta' l-ezistenza taz-zewg obbligazzjonijiet.

Issa f'dan il-kaz m'hemmx din l-inkompatibbilita`. Il-ftehim tas-6 ta' Novembru, 1995, huwa wiehed ta' bejgh ex-

works ta' prodotti u ma jghid xejn dwar djun ta' qabel. Ma jirrizultax li l-prezunt kreditur kien qed jirrinunzja ghall-pretensjoni tieghu li jithallas dak li hu dovut. Dak il-ftehim seta' immodifika t-termini tan-negozju li kien isir bejn il-partijiet, izda ma jghid xejn fuq il-flejjes li jista' jkun li kienu ghadhom dovuti minn bejgh li sar antecedenti. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li dan il-ftehim ma jindikax b'mod car u univoku novazzjoni, u kwindi l-aggravju relattiv ta' l-appellanti qed jigi michud.

Diversi aggravji ta' l-appellanti jiccentraw fuq l-ircevuta li rrilaxxat is-socjeta` attrici fit-2 ta' Novembru, 1995, li skond il-konvenuti, kienet ricevuta ghas-saldu u li ma tippermettix li dik is-socjeta` titlob hlas ulterjuri. Is-socjeta` attrici talbet it-thassir ta' dik l-ircevuta (esebita bhala Dok. C) peress li allegat li hi karpita b'vizzju tal-kunsens, specifikament zball ta' fatt. L-ewwel Qorti, wara li sabet li, fil-verita`, kien ghad fadal bilanc x'jithallas lis-socjeta` attrici, sabet li r-ricevuta esebita bhala Dok. C fiha zball fl-ammont, u ordnat lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont bilancjali.

Kif inghad, il-konvenuti resqu diversi aggravji kontra dik il-parti tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li jirreferu ghan-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li f'dan il-kaz ticcentra u tiddiskuti dak li trid il-ligi u l-gurisprudenza bhala elementi essenzjali biex jissussisti zball ta' fatt.

Il-ligi trid li zball ta' fatt ma jhassarx il-kunsens jekk ma jaqax fuq is-sustanza ta' l-oggett in kontrattazzjoni,
"u l-kriterju biex jigi stabblit jekk kienx hemm dan l-izball ghandu jkun suggettiv, jigifieri li wiehed ghandu jhares lejn il-mod li bih il-kontraent li tqarraq kien qieghed jikkunsidra l-oggetti tal-konvenzjoni" - "**Cutajar v. Petroni**", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 1969.

L-izball, anke jekk soggettiv, irid ikun skuzabbli, u "ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli" (ara "**Gutenberg Press Ltd. v. Camilleri et**", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Gunju,

2007 u diversi sentenzi anterjuri, fosthom “**Pisani v. Mamo**” deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Novembru, 1933).

Issa, f’dan il-kaz, difficli li jigi accettat li l-allegat zball kien “skuzabbli”. Meta si tratta ta’ kontijiet, il-kalkolu tal-bilanc huwa generalment wiehed facilment accertabbli, u mhux skuzabbli li wiehed jaqbad u jiffirma ricevuta ta’ bilanc finali minghajr ma jqis sewwa l-interessi tieghu, jiccekkja l-kotba tan-negozju u jivverifika l-veru bilanc. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza “**Mifsud v. Bonnici**” deciza fl-4 ta’ Gunju, 1910:
“ogni uomo savio e prudente prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa.”

(ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza “**Piscopo v. Filetti**”, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Gunju, 2003).

F’dan il-kaz, pero`, wara li nharget l-ircevuta fit-2 ta’ Novembru, 1995, il-partijiet, fl-24 ta’ Gunju, 1996, dahlu fi ftehim iehor ta’ hlas ghas-saldu, b’dan pero`, li peress li s-socjeta` attrici kienet qed tippretendi li kellu jsir hlas ulterjuri,
“il-partijiet jaqblu illi s-socjeta` S.V.S. Ltd. hija awtorizzata tfittex fil-Qrati ordinarji ghal dan l-ammont <u>indipendentement mill-hlas u ricevuta li qed isiru bil-prezenti rigwardanti ammonti ohra</u>.” (Sottolinear ta’ din il-Qorti).

Dan il-ftehim igib fix-xejn l-ircvuta irrilaxxjata fid-2 ta’ Novembru 1995 u l-effetti legali li jistghu jitnisslu minnha. Bil-ftehim ta’ Gunju, 1996, il-konvenuti ddikjaraw li, skond huma, ebda bilanc ma hu dovut, pero`, il-konvenut proprio dahal garanti solidali ghall-hlas ta’ l-ammont dovut f’kaz illi s-socjeta` attrici tigi kannonizzata kreditrici tas-socjeta` konvenuta.

Kwindi, mhux il-kaz li jinghad li l-ircevuta ta’ Novembru 1995, hi affetta minn zball, izda li dik l-ircevuta hija oltrepassata bil-ftehim tal-24 ta’ Gunju 1996, fejn il-

konvenuti accettaw li jhallsu kwalunkwe somma ulterjuri li tista' tirrizulta dovuta lis-socjeta` attrici. Dan il-ftehim jidher li gie ffirmat wara diversi ricevuti ta' hlas ulterjuri li sar lis-socjeta` attrici, u jigu kif jigu interpretati dawn l-ircevuti u stqarrijiet, jibqa' l-fatt li f'Gunju ta' l-1996, erba' xhur qabel il-ftuh ta' din il-kawza, il-konvenuti accettaw li jhallsu dak li jista' jirrizulta bhala dovut wara stharrig mill-qrati ordinarji.

Kwindi l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames aggravji ta' l-appellanti, li jirreferu ghall-allegat zball ta' fatt in konnessjoni ma' l-ircevuta ta' Novembru 1995, qed jigu michuda, mhux ghax jirrizulta li dik l-ircevuta hi affetta minn zball ta' fatt fis-sens tal-ligi, izda ghax dik l-istess ricevuta ghandha titqies immaterjali fid-dawl ta' dak li sehh sussegwentement.

Ghar-rigward ta' l-aggravji mressqa in konnessjoni mar-rapport tal-perit komputista, din il-Qorti tosserva li tul iz-zmien li l-kawza kienet qed tigi differita biex dan ihejji r-rapport tieghu, f'ebda stadju s-socjeta` konvenuta ma talbet li tressaq provi ohra barra dak li kien diga` in atti. Saru diversi seduti quddiem il-Qorti, li f'uhud minnhom anke deher id-difensur tal-konvenuti, fejn gie rapportat lill-Qorti li r-rapport tal-perit komputista kien ghadu mhux lest, izda ebda parti ma lmentat li kien jonqos xi provi. Anke meta gie rrapportat li l-perit tekniku kien lesta r-rapport tieghu, wkoll, hadd ma lmenta, avolja f'dak l-istadju kellu jirrizulta li l-perit kien hejja r-rapport a bazi biss tal-provi li kienu jinstabu fil-process, u ma sema' ebda prova gdida. Il-konvenuti ma jistghux issa jilmentaw li ma kellhomx smigh xieraq meta fil-mument opportun ma oggezzjonawx fuq kif il-perit komputista kien qed jisvolgi l-inkarigu lilu moghti.

Il-perit tekniku gie wkoll eskuss, sarulu domandi bil-miktub u hu wiegeb bil-miktub. Il-fatt li, ghall-konvenuti, ir-risposti kienu "insodisfacenti", ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha tiskarthom. Jidher li l-ewwel Qorti ezaminat dawn it-twegibiet, u fid-dawl tar-rapport originali tal-perit, qisithom sodisfacenti u accettathom. Fuq kollox, il-konvenuti ma talbux il-hatra ta' periti addizzjonali, u kif inhu risaput Qorti

m’ghandhiex facilment twarrab konkluzjonijiet teknici meta ma jingibux ragunijiet gravi u impellanti biex ipoggu fid-dubju r-relazzjoni ta’ l-espert tekniku.

It-tieni u t-tmien aggravji ta’ l-appellanti qed jigu, ghalhekk, michuda.

Jibqa’ ghalhekk, biex jigi kkunsidrat l-aggravju numru disgha li jirreferi ghall-eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni. L-artikolu 1222(1) invokat jimponi terminu ta’ sentejn ghall-azzjoni ta’ rexissjoni minhabba vizzju tal-kunsens. Il-konvenuti appellanti jissottomettu li t-talba ghat-thassir ta’ l-ircevuta ta’ Novembru 1995, sehhet wara d-digriet tal-15 ta’ Mejju, 1998, meta l-ewwel Qorti ordnat korrezzjoni fic-citazzjoni biex tizdied it-talba relattiva.

Apparti l-fatt li talba simili kienet implicita fic-citazzjoni kif originarjament formulata, il-kwistjoni kif irrizultat mhux aktar marbuta mal-validita` o meno ta’ dik l-ircevuta, izda a bazi ta’ cirkostanzi li sehhew <u>wara</u> l-iffirmar ta’ dak id-dokument. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Grech v. Borg**”, deciza fl-14 ta’ Gunju, 2001:
“Illi huwa minnu wkoll li meta zewg partijiet jew izjed jafdaw il-pendenza ta’ bejniethom fid-decizjoni ta’ terza persuna titnissel il-klawsola kompromissorja [ara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-20 ta’ Lulju, 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit et v. Stivala** (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.212)]. F’dan il-kaz, minhabba li l-ftehim ikun sar fl-ghamla miktuba, jista’ jkun japplika terminu preskrittiv iehor.”

Il-ftehim ta’ l-24 ta’ Gunju, 1996, ghandu jitqies f’dan is-sens, u kwindi ma jistax jitqies aktar applikabbli l-artikolu ta’ preskrizzjoni invokat.

Dan l-ahhar aggravju, ghalhekk, qed jigi michud.

Ghalkemm din il-Qorti qed tqis li l-ircevuta ta’ Novembru, 1995 (dok. C) mhix milquta bi zball, dan mhux sa jaffettwa l-akkoljiment tat-talbiet l-ohra, li m’humiex marbuta intrinsikament ma’ decizjoni favorevoli dwar din l-ewwel talba.  Iz-zewg talbiet l-ohra, fil-fatt, jistghu joqghodu

wahedhom bhala talbiet ghall-kundanna ta' hlas a bazi tal-kawzali kif proposti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti fis-sens li tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza tal-1 ta' Dicembru, 2000, u tirriforma s-sentenza tal-14 ta' Gunju, 2005, fis-sens biss li tirrevokaha fejn qalet li l-ircevuta esebita bhala dok. C. fiha zball fl-ammont, izda tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta' l-appell ghandhom jithallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------